**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Jannar, 2019

Rikors Guramentat numru : 239/16 AL

A B

vs

1. C D B u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2016 Dr Yana Micallef Stafrace u il-PL Nicholette Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri L B u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2017 C D B giet nominata sabiex tirrapprezenta lill-minuri L B
2. Direttur tar-Registru Pubbliku
3. u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2017 il-Qorti awtorizzat li K Z jigi imdahhal in statu et terminis bhala parti fil-kawza u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2017 K Z (ID329176M) gie kjamat fil-kawza

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti A B u l-konvenuta C D B zzewgu fl-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004), kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat 'Dokument JSI ' ;
2. Illi fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena 2013 l-konvenuta welldet tifel gewwa l-isptar Mater Dei, tal-Qroqq, l-Msida, liema tifel gie moghti l-istem ta' L B u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri ;
3. Illi l-imsemmi tifel gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' att tat-twelid numru 3492 tas-sena 2013, hawn anness bhala 'Dokument JS 2' ;
4. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri L B jirrizulta illi fil-kolonna « Isem Kunjom u Post tat-twelid tal-Missier » gie registrat isem ir-rikorrenti A B ;
5. Illi kien biss ftit ilu li l-esponenti kellu konferma li dan it-tifel ma kienx tieghu u dana wara illi l-paternita tal-minuri L B giet stabbilita permezz ta' testijiet genetici appositi fejn jidher li r-rikorrenti A B ma huwiex fil-fatt il-missier naturali tal-minuri L B, kopja ta' dawn it-testijiet hawn annessi wkoll bhala 'Dokument JS3' ;
6. Illi ghalhekk huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi ddikjarata l-paternita reali tieghu ;
7. Illi ghalhekk huwa mehtieg ukoll illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri L B jirrifletti ukoll dan l-istat ta' fatt ;
8. Illi l-esponenti intavola rikors ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi awtorizzat jipprezenta din il-kawza sabiex isiru l-korrezzjonijiet relattivi fl-att tat-twelid tal-minuri L B, liema rikors gie degretat fit-tnejn (2) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016), kopja ta' liema digriet qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument JS4' ;
9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Talab, previa kull dikjarazzjoni mehtiega, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-minuri L B mwieled fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena 2013 ma huwiex iben il-konvenut A B kif indikat fl-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru 3492 tas-sena 2013 u mmarkat bhala 'Dokument JS2';

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri L B, liema att igib in-numru 3492 tas-sena 2013 jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi jithassru minnu kull referenza ghar-rikorrenti A B u l-konnotati riferibbli ghalih;
3. Tordna lir-konvenuta C D B sabiex tindika min huwa il-missier biologiku tal-minuri L B u taghti kull ordni f'dan ir-rigward sabiex tigi stabbilita l-paternita tal-minuri L, inkluz jekk ikun hemm bzonnn li jsiru testijiet genetici ulterjuri;
4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri L B jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega sabiex jitnizzlu l-konotazzjonijiet tal-missier biologiku tal-minuri L B gialadarba dawn jigu stabbiliti fil-mori tal-kawza;
5. Minghajr pregudizzju ghat-talbiet suesposti u fin-nuqqas li jigi stabbilit min hu l-missier naturali tal-minuri L B, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri L B jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega illi fejn fl-att hemm referenza ghall-konnotati tar-rikorrenti dawn jigu sostitwiti bil-kliem 'Unknown Father';

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-rikors generali bin-numru 447/16 AL kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha jeccepixxi (fol 20) :

1. Illi fl-ewwel lok mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti jidher li jonqos illi jiġu maħtura mill-Qorti kuraturi deputati jew tuturi sabiex jirrappreżentaw lill-minuri L B skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;

3. Illi preliminarjament, mingħajr ħsara għall-premess, trattasi minn kawża ta' *denegata paternità* r-rikorrent jeħtieġlu jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi l-esponent jistqarr li għalkemm ir-rikorrent ippreżenta r-rapport ta' testijiet ġenetiċi li jindikaw li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri *L B* ai termini tal-**Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** dan l-imsemmi **<u>rapport jonqos li jiġi</u> <u>maħluf</u>** mit-tekniku tal-laboratorju ta' DNA Diagnostics Center li wettaq dawn it-testijiet;

5. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrent irid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juri li l-**<u>pussess ta' stat</u>** tal-minuri L B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

6. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri L B, illi l-intimata C D B tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri L B, tal-inqas għandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tiegħu;

7. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li tintlaqa' is-sitt eċċezzjoni ta' l-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri L B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri L B (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel L B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit L B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3492 tas-sena 2013;

8. Illi bla preġudizzju għas-suespost fil-każ illi tintlaqa' s-sitt eċċezzjoni tar-rikorrent il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri L B a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

9. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid;

10. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D B, li permezz taghha tecepixxi : (fol 29)

1. Illi l-intimata taqbel li r-rikorrenti mhuwiex il-missier naturali ta' L B;
2. Illi t-test tat-DNA jikkonferma dak li gja kien maghruf mir-rikorrenti u mill-intimata li r-rikorrenti mhuwiex il-missier ta' L B;
3. Illi mhux minnu dak li r-rikorrenti stqarr bil-gurament tieghu fir-rikors mahluf li "kien biss ftit ilu" li sar jaf li hu ma kienx il-missier ta' L B ferm qabel li sar it-test tad-DNA;
4. Illi kienet decizjoni tar-rikorrenti li jrabbi lill-minuri bhala l-missier u li jagixxi ta' "missier" sakemm ghazel li

jabbanduna l-familja u bdielu u jrid li ma jibqax imnizzel bhala l-missier;

5. Illi dan l-agir mhuwiex ta' gid ghall-minuri;
6. Illi l-intimata QATT ma qalet lir-rikorrenti li hu kien il-missier bijologiku;
7. Illi l-intimata tirrimetti ruhha ghal kull ordni tal-Qorti u dan fl-ahjar interess tal-minuri;
8. Illi r-rikorrenti donnu ma jafx x'irid ghax wara li pprezenta dan ir-rikors mahluf, ta struzzjonijiet lill-iskola tal-minuri biex hu u l-omm ikunu jistghu jigbru lill-istess minuri;
9. Illi ghalhekk l-intimata C D B m'ghandhiex tbati l-ispejjez legali ta' dawn il-proceduri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D B;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u il-PL Nicholette Aquilina li permezz taghha jiddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal- kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u il-PL Nicholette Aquilina;

Rat illi permezz ta' digriet iddatat it-2 ta' Ottubru 2016[1], l-attur kiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili[2], sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna, minkejja t-trapass ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri L B.

Rat illi permezz ta' digriet iddatat is-17 ta' Diċembru 2016[3], inħatru l-Avukat Dottor Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur

---

[1] Fol. 12
[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
[3] Fol. 15A;

Legali Nicholette Aquilina bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-minuri L, f'dawn il-proċeduri. Illi b'hekk jirriżulta illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku hija nfondata u għandha tiġi miċħuda; Illi fil-fatt fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2017[4], Dr. Graziella Tanti għan-nom tal-Avukat Ġenerali irtirat din l-ewwel eċċezzjoni; Sussegwentement, il-Qorti permezz ta' digriet iddatat l-1 ta' Lulju 2017[5], laqgħet it-talba tal-konvenuta C D B sabiex tirrappreżenta hi lil binha minuri f'dawn il-proċeduri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta[6], omm il-minuri, illi l-missier naturali tal-minuri huwa K Z, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 329176(M), u għaldaqstant hija talbet illi l-istess Z ikun kjamat fil-kawża sabiex il-ġudizzju jkun integru;

Rat illi permezz ta' nota ippreżentata mill-kjamat fil-kawża **K Z**, dana esebixxa tliet kopji identiċi ta' riżultati ta' test tad-DNA illi sar fuqu[7], liema test ma ġiex interpretat lill-Qorti minn persuna esperta dwar testijiet ġenetiċi bħal dawn u lanqas ma huwa kkonfermat bil-ġurament; Illi l-Qorti, fi-ċirkostanzi, ma tifhimx it-tifsira ta' din l-informazzjoni xjentifika u ġenetika u għaldaqstant qiegħda tqisha bħala irrelevanti.

Rat illi permezz ta' żewġ noti oħra[8], ippreżentati mill-kjamat fil-kawża **K Z**, dana ta d-dettalji kollha tiegħu, skont kif mitluba mill-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Rat illi permezz ta' nota tad-29 ta' Mejju 2018[9], l-**attriċi** talbet illi l-minuri L jassumi l-kunjom G, li huwa l-kunjom tagħha ta' xbubitha. Hija ddikjarat illi l-missier naturali tal-minuri jaqbel ma' dan.

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

---

[4] Verbal fol. 31

[5] Fol. 53;

[6] Rikors tat-18 ta' Mejju 2017, fol. 51;

[7] Nota tat-12 ta-' Diċembru 2017, fol. 61 et seq;

[8] Waħda ddatata it-28 ta' Mejju 2018, fol. 86 u oħra ddatata il-5 ta' Ġunju 2018, fol. 89;

[9] Fol. 85;

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili, illi jirrigwarda l-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 70, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna.

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

FATTI

Illi l-attur A B u l-konvenuta C D B xebba G kienu żżewwġu fl-14 ta' Awwissu 2004[10]. Fid-19 ta' Lulju 2013, il-konvenuta welldet tifel li ngħata l-isem ta' L B u dana skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri li huwa nnumerat 3492/2013[11];

Il-partijiet kienu jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali bejniethom;

Illi f'Awwissu 2016, saru t-testijiet tad-DNA minn fejn irriżulta illi l-attur A B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri L B[12].

Permezz ta' l-affidavit tiegħu[13], **Christopher Farrugia**, konsulent tax-xjenza forensika, ikkonferma bil-ġurament illi huwa preleva l-kampjuni orali minn fuq A B K.I. 528578(M) u wkoll minn fuq il-minuri L, fil-preżenza u bil-kunsens tal-omm C B. Il-kampjuni ġew issiġġillati f'envelops uffiċjali u ffirmati minnu fil-preżenza tal-partijiet u wara ġew mibgħuta lil DDC Diagnostics Center għall-analiżi. It-testijiet ikkonkludew illi l-attur mhuwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri L B.

KONSIDERAZZJONIJIET

[10] Ċertifikat taż-Żwieġ relattiv esebit fol. 6;

[11] Esebit fol. 7

[12] Rapport tat-test tad-DNA esebit fol. 8;

[13] Affidavit esebit fol. 57;

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-konjuġi tal-ġenitur li wiled għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri L B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri huwa rreġistrat bħala ibnu, dan m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat. Huwa talab ukoll lill-Qorti tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri jiġu mniżżla l-konnotati tal-missier bijoloġiku tal-minuri, kemm-il darba dana jiġi ddikjarat mill-omm (il-konvenuta) u vverifikat bit-testijiet ġenetiċi appożiti, u fin-nuqqas il-konnotati tar-rikorrenti jiġu sostitwiti bil-kliem "Missier mhux magħruf".

Il-Qorti tifhem illi proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment mill-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess minuri ġie imniżżel bħala l-wild naturali tal-attur A B, qua l-konjuġi tal-ġenitur li welldet it-tarbija.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali, huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, debitament maħlufa, li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur m'huwiex il-missier bijoloġiku tal-minuri L B. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi in kwantu dawna jirrigwardaw iċ-ċaħda tal-paternita` tal-attur lill-minuri.

In kwantu t-talbiet jikkonċernaw id-dikjarazzjoni tal-missier naturali tal-minuri, il-Qorti tirrileva illi m'hemm l-ebda prova konvinċenti li tikkonferma illi l-missier naturali tal-minuri huwa effettivament il-kjamat fil-kawża Edward Z. Kif ingħad it-testijiet ġenetiċi prodotti, oltre li m'humiex maħlufa, huma inkonklussivi. Inoltre, il-konvenuta C D B ma kkonfermatx bil-ġurament id-dikjarazzjoni tagħha li missier it-tarbija huwa K Z.

Fi kwalukwe każ, il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi sija l-attur u wkoll il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhom l-ebda interess ġuridiku sabiex jitolbu lill-Qorti tiddikjara min hu l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri;

Il-Qorti tirrileva li qua żewġ l-omm, l-unika azzjoni spettanti lill-attur hija dik ta' denegata paternita` illi permezz tagħha huwa jċaħħad lill-minuri mill-paternita` tiegħu. M'għandux il-fakolta` li jitlob li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat. Dik l-azzjoni tispetta jew lill-ġenitur naturali ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lill-ġenitur li wiled ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-wild innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti qiegħda hawnhekk issegwi l-insenjament tagħha stess f'diversi kawżi fosthom fil-kawża fl-ismijiet Pierre Galea vs. Antoinette Galea et[14], fil-kawża fl-ismijiet Jesmond Jason Cini vs. Marthese Cini et[15] u fil-kawża fl-ismijiet Marco Magro vs. Maria Magro Sacco[16].

Illi minkejja li sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti, f'dan il-każ, m'għandhiex il-fakolta` li takkolji t-tielet u r-raba' talbiet attriċi. Fl-ewwel lok, stante li l-attur m'għandux l-interess ġuridiku illi jagħmel l-istess talba. Fit-tieni lok, stante n-nuqqas ta' provi sodisfaċenti li l-kjamat in kawża jista' jkun il-missier bijoloġiku tal-istess minuri.

Illi fil-każ odjern, kemm l-omm, kif ukoll l-allegat missier naturali, li huma t-tnejn parti f'din il-kawża, bl-ebda mod ma ntavolaw talba kif tispeċifika l-liġi (ossia talba rikonvenzjonali qua konvenuti), sabiex oltre li l-minuri jiġi mċaħħad mill-paternita' tal-attur, jiġi vestit ukoll bil-paternita' tal-kjamat fil-kawża Z, billi dan jiġi ddikjarat li huwa il-missier naturali tal-minuri u jitniżżlu l-konnotati tiegħu fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri.

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jissottometti illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tista'

[14] Deċiża fis-7 ta' Diċembru 2016 (Rikors Ġuramentat Numru 244/15AL);
[15] Deċiża fit-8 ta' Frar 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 228/13AL);
[16] Deċiża fl-4 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 94/13AL);

tiddikjara min huwa l-missier naturali tal-minuri. L-imsemmi Artikolu 149 jistipula:

***149. B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.***

Il-Qorti ma taqbilx illi l-artikolu ċċitat jista' japplika u jkollu rilevanza għall-każ odjern, u dana stante illi l-artikolu jifforma parti mil-liġi li titratta s-setgħat tal-ġenituri u mhux il-filjazzjoni tal-ulied. Fil-fatt l-artikolu jagħmel parti mis-Sub-titolu I tal-Titolu 4 li huwa ntestat "Fuq L-Effetti Tas-Setgħa Tal-Ġenituri Fuq l-Ulied Taħt L-Età". Ma tarax kif l-imsemmi artikolu li jitratta s-setgħa tal-ġenituri jista' jagħti s-setgħa lill-Qorti li f'kawża bħal din ta' denegata paternita`, tiddikjara min hu l-missier naturali tal-persuna mertu tal-kawża, fin-nuqqas ta' kontro-talba f'dan ir-rigward mill-omm u/jew mill-missier bijoloġiku.

Illi fiċ-ċirkostanzi u wkoll fid-dawl ta' dan in-nuqqas proċedurali, il-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tiċħad it-talbiet tal-attur relattivi għall-filjazzjoni tal-minuri u l-eċċezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'dan is-sens, u li f'dan l-istadju tordna li l-minuri L ikun iddikjarat bħala iben "missier mhux magħruf", filwaqt illi tissolleċita lill-omm ossia lill-konvenuta C D B sabiex tagħmel dak li huwa meħtieġ biex l-identita` tal-missier naturali tkun ikkonfermata, u l-istess ikun rifless fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Illi rigward il-kunjom li għandu jassumi l-minuri L, il-Qorti rat illi hemm talba mill-omm illi dana jkun magħruf bil-kunjom G li huwa l-kunjom tal-omm. Il-Qorti rat illi l-allegat missier naturali ma joġġezzjonax għal dan[17]. Rat ukoll illi dan m'huwiex ta' detriment għall-minuri illi għad għandu l-eta` tenera ta' ħames snin. Għalhekk ma tarax għaliex m'għandhiex tilqa' din it-talba tal-konvenuta. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tordna illi l-minuri L isir magħruf bil-kunjom G.

---

[17] Nota tat-28 ta' Mejju 2018, fol. 86;

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi l-minuri L, imwieled lill-konvenuta C D B xebba G fid-19 ta' Lulju 2013, m'huwiex l-iben naturali tal-attur A B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmi L, innumerat tlett'elef, erba' mija u tnejn u disgħin tas-sena elfejn u tlettax (3492/2013), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur u minflok iniżżel "missier mhux magħruf";

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-istess att tat-twelid ta' L, jikkanċella il-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm;

4. Tordna illi l-minuri L ikun magħruf bil-kunjom G;

Bl-ispejjeż, inkluż tat-testijiet ġenetiċi u xjentifiċi esebiti fl-atti tal-proċediment, kontra l-konvenuta C D B.